# L-Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. u l-Grotta ta' San Pawl

Mons. Ġwann Azzopardi

Nibda biex nirringrazzja lill-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici, ex President ta' Malta, li fl-1 ta' Diċembru 2014 kien għaddieli fotokopja ta' xi folji ttajpjati li sab fil-karti privati ta' missieru u li jirrigwardaw proposta interessanti dwar il-Grotta ta' San Pawl. Fuq dan il-każ ma nsibu xejn fl-arkivju tal-Grotta għax din kienet proposta li fis-sena 1933 l-Arċisqof Mauro Caruana kien biħsiebu jagħmel lis-Santa Sede iżda li, minħabba ċirkostanzi li se nispjegaw, baqgħet ma saret qatt. Iżda lili wasslitni biex fid-dawl ta' din il-kitba nfittex u nsib aktar tagħrif dwarha fl-Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana.

### 1933: Il-Kleru Djoċesan fil-Parroċċa tar-Rabat

Niġu għas-sena 1933 u għall-Isqof Dom Mauro Caruana OSB. Dan sar isqof fis-sena 1915 u dam isqof għal 28 sena sa mewtu fis-sena 1943. Huwa kellu ċans jistudja s-sitwazzjoni tal-kleru tal-Grotta u dak tal-Parroċċa speċjalment fis-sena 1933, is-sena tal-Ġublew tar-Redenzjoni, meta l-Parroċċa tar-Rabat, immexxija mill-Kappillan Dun Anton Buhagiar, iċċelebrat b'mod l-aktar solenni Kungress Ewkaristiku Parrokkjali. F'dik l-okkażjoni, il-Parroċċa inawgurat il-pittura tal-koppla l-ġdida li kienet għadha kemm tlestiet mill-artist Eliodoro Coccoli tal-Beato Angelico ta' Milan. F'dik l-okkażjoni wkoll, il-Fratellanza tas-Sagrament inawgurat il-ventartal tal-fidda li juri l-Aħħar Ċena, iddisinjat mill-artist Abraham Galea u maħdum fil-Ġermanja.



*L-Isqof Dom Mauro Caruana OSB*

F'dik is-sena l-Isqof Caruana kellu ċans jeżamina tajjeb kif il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, frekwentata minn popolazzjoni ta' eluf ta' nies, kienet moqdija min-numru limitat ta' qassisin djoċesani waqt li ħajt ma' ħajt magħha, il-Knisja ta' San Publiju fuq il-Gotta kienet uffiċċjata kuljum is-sena kollha, kull filgħodu u kull filgħaxija, min-numru akbar ta' sacerdoti, maħtura u salarjati mill-gvern, biex fedelment iwettqu l-obbligi tal-Fondazzjoni Wignacourt li kienet saret aktar minn 300 sena qabel, u dan fi knisja vojta. Għalhekk l-Isqof ħaseb: *ma jistax isir ftehim biex dawn jaqdu d-dmirijiet tagħhom parti fil-Grotta u parti akbar fil-Parroċċa? B'hekk il-poplu tar-Rabat ikollu kleru aktar numeruż u n-nies ikunu moqdija aħjar*.

L-Isqof Caruana ddeċieda għalhekk li jitlob m'għand is-Santa Sede mhux soppressjoni imma riforma fl-obbligi ta' din il-Fondazzjoni, fis-sena li l-kolleġġjali jagħmlu servizz iktar ridott fil-Grotta u servizz aktar abbondanti fil-Parroċċa. Ħaġa li s-Santa Sede setgħet tiddeċiedi dwarha u dejjem bil-kundizzjoni li l-Gvern jaċċetta li jibqa' jiffinanzja lill-istess numru ta' sacerdoti li jservu l-Grotta bl-istess mod bħal qabel.

Il-proposta tal-Isqof Caruana kienet intelliġenti u prudenti. Ma talabx soppressjoni u lanqas talab li l-Gvern iċedi l-amministrazzjoni tal-Grotta iżda biss riforma. Ma talabx li jiżdied in-numru tal-kolleġġjali avolja l-Fondazzjoni Wignacourt kienet tirrendi ħafna u ħafna aktar milli l-Gvern kien

iħallas. L-Isqof insista wkoll li s-sagristan tal-Grotta jibqa' jirċievi l-ħlas tiegħu.

Valur kbir ta' din il-proposta kienet li mingħajr ebda skossi u mingħajr mal-Gvern iċedi xejn, b'mod awtomatiku, il-Grotta terġa' tingħaqad mal-Parroċċa, kif dejjem kienet ix-xewqa tad-Djoċesi u tal-poplu tar-Rabat.

Iżda l-Isqof talab ukoll li, skont in-normi tal-kodiċi tad-Dritt kanoniku eżistenti (li ma kienx jeżisti fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt) il-Gvern iċedi d-dritt tan-nomina.

Billi l-proposta tal-Isqof kienet tinvolvi sewwa lill-Gvern, kien meħtieġ li l-Isqof jara minn qabel kif il-Gvern se jirreaġixxi għal din il-proposta u għalhekk l-ewwel u qabel kollox għaddieha lill-Gvern għall-konsiderazzjoni tiegħu. Din l-ittra tal-Isqof ġiet għand il-Ministru tat-Teżor li kien l-Onor. Dr Carmelo Mifsud Bonnici (missier Dr Ugo, li għaddieli fotokopja tan-noti. Informani wkoll li l-kummenti li għaddieli kienu l-pariri tas-Sur Galizia tat-Teżor).

Il-kummenti tas-Sur Galizia kienu interessanti għax l-ewwel nett jirrikonoxxu d-dritt tas-Santa Sede li tirregola l-fondazzjoniet ekkleżjastiċi u t-tieni (li għalija hija ħaġa pożittiva) li fil-fehma tiegħu, l-Gvern seta' jikkonsidra pożittivament li l-kolleġġjali jwettqu parti mid-doveri tagħhom fil-Parroċċa minfuda mal-Grotta, basta ma jittraskurawx lill-istess Grotta. Iżda s-Sur Galizia ta l-parir tiegħu li mhux konsiljabbli li l-Gvern jirrinunzja d-dritt tiegħu li jaħtar hu s-saċerdoti li jservu fil-Grotta u u li l-Gvern kien jiffinanzja s-servizzi tagħhom. Fil-fatt il-ħatra tar-rettur tal-Grotta li kien iservi fis-sena 1933 kienet rikonoxxuta bħala ħatra motivata minn politika partiġjana. Minħabba din l-oġġezzjoni, il-proposta tal-Isqof Caruana jidher li waqfet hemm u ma tressqitx lis-Santa Sede.

## Il-Grotta u l-Fondazzjoni Wignacourt

Kien il-Papa Pawlu V li fired il-Grotta mill-Knisja Parrokkjali ta' fuqha u taha l-ewwel lill-Eremita Spanjol Benegas biex jippromoviha u warajh taha lill-Ordni ta' San Ġwann. Fil-bidu din id-deċiżjoni xejn ma niżlet tajjeb mal-Kapitlu tal-Katidral u mad-Djoċesi għax il-Grotta kienet għażiża ħafna għalihom. Iżda kien jidher ċar li minħabba l-pożizzjoni tal-Grotta mis-swar u għalhekk vulnerabbli minn attakki frekwenti tat-Torok, kien riskjuż li wieħed jinvesti biex jippromoviha u jarrikkiha kif jixraq. Lanqas il-poplu fqir tar-Rabat ma kien jiflaħ jippromoviha b'mod diċenti. Iżda l-Ordni ta' San Ġwann, ordni reliġjuż rikk u militari, altru li kien lest jidħol għaliha u jżommha kif jixraq bħala Santwarju Internazzjonali.

L-Ordni ta' San Ġwann li ma kellu ebda propjetà tiegħu fl-Imdina u l-inħawi, u allura kien ferħan wisq bil-Grotta u mhux biss kien lest li jiddefendiha minn kull theddida iżda kien deċiż li jarrikkiha u jsebbaħha b'ħafna opri ta' fidda, skultura u arti, jirreklamaha mal-Ewropa kollha bħala ċentru Pawlin appostoliku u l-bidu tal-fidi Nisranija f'pajjiżna, jattira lejha bosta pellegrini minn kullimkien u fuq kollox joħloq madwarha kunvent ta' patrijiet li juffiċċjawha kif jixraq b'ħafna talb kuljum filgħodu u filgħaxija s-sena kollha. Ħadd ma ddispjacih mill-kontribut tal-Kavallieri favur il-Grotta. Iżda fl-istess ħin dejjem instab il-kompromess li l-aċċess li mill-Knisja ta' San Pawl jagħti għall-Grotta permezz ta' sottopassaġġ fil-ħxuna tal-ħajt jinżamm miftuħ għall-qima tad-devoti kollha.


*Il-binja tal-Kulleġġ tal-Kappillani tal-Grotta ta' San Pawl*

Biex jieħu ħsieb il-Grotta kif jixraq, il-Gran Mastru Wignacourt ħoloq kunvent ta' patrijiet tal-Ordni u ħejjielhom dak il-bini maestuż, illum magħruf bħala l-Mużew Wignacourt. Dawn it-tliet enti, jiġifieri Grotta, San Publiju u l-Kulleġġ għal mitejn sena sħaħ (seklu 17 u 18) kienu mmexxija mill-Ordni. Fil-Kulleġġ kienu jgħixu numru ta' patrijiet msejħin kappillani (chaplains) tal-Ordni ta' San Ġwann, residenti u mgħobbija b'obbligi ta' ħafna quddies kuljum fil-Grotta u l-Knisja u bir-reċita tal-Uffiċċju Divin kull filgħodu u kull flgħaxija is-sena kollha u b'quddiesa kanatata kuljum mar-reċita tal-Uffiċċju. Ma kellhomx servizz fil-Parroċċa u għalhekk ir-Rabtin kienu iwettqu l-obbligi reliġjużi (sagramenti, eżerċizzi, vjatku, prietki, funerali, eċċ) fil-Knisja ta' San Pawl u mhux f'San Publiju jew il-Grotta. Iżda qatt ma nħoloq konflitt bejn il-Kleru tal-Parroċċa u l-Patrijiet tal-Grotta, waqt li fl-istess żmien il-Parroċċa kellha numru suffiċjenti ta' qassisin djoċesani biex jaqdu lill-poplu tar-Rabat.

Biex il-patrijiet jgħixu u jaqdu l-Knisja tagħhom

kif jixraq, il-Gran Mastru Wignacourt kien ħallielhom ħafna propjetà f'Għawdex (fosthom Ta' Ċenċ) li l-patrijiet kienu jamministrawha bil-għaqal u mid-dħul tagħhom jgħixu bid-dinjità u jsebbħu b'opri l-Knisja u l-Kunvent fejn jgħixu. Hekk baqa' dejjem sas-sena 1798, meta Napuljun u l-Franċiżi keċċew lill-Ordni minn Malta. Minn dik is-sena f'Malta baqgħux jinħatru kappillani ġodda tal-Ordni, għax l-Ordni kien ħalla pajjiżna.

Nistgħu ngħidu għalhekk li l-istorja tal-Fondazzjoni Wignacourt tinqasam f'żewġ perjodi, taħt l-Ordni u taħt il-ħakma Ingliża:

**Żmien l-Ordni u l-ewwel snin ta' wara.**

Dan kien il-perjodu glorjuż ta' kważi mitejn sena meta l-Ordni kellu f'idejh il-Grotta ta' San Pawl. Kien l-aħjar perjodu għall-Grotta li mtliet b'opri sbieħ ta' rħam, skultura, pittura, fided u iktar. Żmien li fih il-Grotta u l-Kult Pawlin ġew propagati fl-Ewropa, żmien ta' pellegrinaġġi u żjarat minn personaġġi distinti, żmien ta' devozzjoni u festi solenni.

Anki wara li l-Ordni tkeċċa minn Malta, għal kważi 40 sena oħra kollox deher li seta' jibqa' miexi ħarir għax il-kappillani tal-Grotta kienu kollha ċittadini Maltin u ħadd ma seta' jkeċċihom minn pajjiżhom. Huma baqgħu jgħixu fil-Kunvent tal-Kulleġġ, josservaw ir-regola tal-Ordni u jwettqu dmirhom f'ħajja eżemplari ta' talb bħal qabel. Tul il-ħakma Franċiża, kollox baqa' miexi l-istess għalkemm għal raġunijiet ovvji, il-kolleġġjali neħħew minn fuq l-ilbies liturgiku tagħhom is-salib ottagonali tal-Ordni.

Fl-ewwel snin, il-bdiewa bħal qabel kienu jħallsu lill-kolleġġjali ċ-ċnus u l-qbiela tal-propjetà li ħallielhom Wignacourt u li biha l-kolleġġjali kienu jgħixu u jmantnu l-Knisja. Il-kolleġġjali kienu jafu u jistennew li f'qasir żmien u sewwasew fil-Milied tas-sena 1807 kellhom jagħlqu ħafna ċnus mill-propjetà kbira li ħallielhom il-Gran Mastru Wignacourt u b'hekk kienu se jkabbru d-dħul tal-Kunvent, forsi jgħixu aħjar u jkomplu jsebbħu l-Knisja. Iżda din kienet tama qarsa għax propju fit-2 ta' Ottubru tas-sena 1807 is-sitwazzjoni nbidlet għalkollox.

**Żmien il-Ħakma Ingliża**

Sewwasew anqas minn tliet xhur qabel ma kellhom jagħlqu ċ-ċnus u jikber l-introjtu, il-Gvern Ingliż għarraf lill-kolleġġjali li bħala s-suċċessur tal-Kavallieri se joħdilhom minn idejhom l-amministrazzjoni kollha tal-Fondazzjoni Wignacourt biex imexxiha hu. Il-Gvern ġagħalhom jirritornaw il-kotba kollha tal-amministrazzjoni minn meta l-Ordni telaq minn Malta. Naturalment il-Gvern baqa' jħallas is-salarju lill-kolleġġjali u jħallas l-ispejjes tal-Knisja, dejjem kif jinħadmu u jiġu determinati minnu. Fuq kollox il-Gvern żamm id-dritt li jkun il-Gvernatur u mhux l-Isqof li jaħtar il-kolleġġjali futuri, wara li jikkonsulta wkoll lill-Isqof. Ħaġa li lid-Djoċesi qatt ma niżlitilha tajjeb. Meta bdew imutu l-ewwel kolleġġjali tal-Grotta il-gvernatur beda l-ewwel jaħtar għall-Grotta dawk il-membri Maltin tal-Ordni li għalkemm mhux addetti għall-Grotta, kienu jservu f'xi knejjes oħra tal-Ordni, bħal Vitorja, San Ġakbu, Rikażli, u l-Isptar tal-Ordni fost oħrajn. Iżda sas-sena 1839 ma kien fadal ebda qassis ieħor tal-Ordni li seta' jiġi nominat.

Kien għalhekk li, sabiex il-Fondazzjoni Wignacourt tibqa' tiffunzjona u jkompli s-servizz fil-Grotta, sar ftehim bejn id-Djoċesi u l-Gvernatur Sir F. Henry Bouvery, li kellu wkoll il-kunsens tas-Santa Sede, biex jibdew jintgħażlu qassisin djoċesani li jkomplu jwettqu l-istess obbligi tal-uffiċċju divin b'quddiesa kantata wkoll bħala parti mill-uffiċċju. L-ewwel wieħed magħżul kien saċerdot ħabrieki mill-Birgu, il-qassis Giovanni Gatt Said, li rnexxielu wkoll jaqla' mis-Santa Sede li l-kolleġġjali l-ġodda jibqgħu jilbsu l-istess ilbies tal-Ordni u jgawdu l-istess privileġġi tal-kalendarju Ġerosolimitan u l-indulġenzi tal-Ordni. Warajh ġew numru sabiħ ta' saċerdoti oħra u din il-proċedura baqgħet tiġi esegwita sas-sena 1964.

Meta jmut kolleġġjal, il-Gvern kien joħroġ applikazzjonijiet u ħafna qassisin djoċesani kienu japplikaw, biex iżidu xi ħaġa mad-dħul finanzjarju tagħhom li mill-ħidma l-oħra tagħhom fil-Parroċċa, ma kienx ikun tant tajjeb. Iżda dawn ma kienux patrijiet jgħixu kontinwament fil-Kunvent tal-Kulleġġ iżda jgħixu fid-djar tagħhom, aktarx fir-Rabat imma ġieli wkoll f'parroċċi oħra. Ċertament il-Gvern ma kienx jamministra l-ġid tal-Grotta bl-istess imħabba li kellhom qabel il-patrijiet tal-Ordni. Għalhekk fi żmien il-ħakma Ingliża ma sarux opri ġodda ħlief xi affarijiet żgħar bħan-niċċa tal-Madonna tat-Tempju li saret minn benefatturi privati. Għall-manteniment tal-Knisja, il-kolleġġjali kienu jdumu jitkarrbu biex mill-Fondazzjoni Wignacourt il-Gvern joħroġ l-ispejjeż meħtieġa.

Kien jidher ċar daqs il-kristall li l-Fondazzjoni Wignacourt, wara t-tluq ta' kunvent ta' patrijiet residenti, kellha bżonn tiġi adattata għal realtajiet ġodda. Jien konvint li kieku l-Gvern ma ħatafx b'mod bikri l-amministrazzjoni tal-Fondazzjoni Wignacourt, kienet tinsab soluzzjoni għal riforma ġusta skont il-bżonnijiet tal-mument, mingħajr ma jkollna nistennew għal 150 sena wara.

Dan fehmu l-Gvern Ingliż innifsu li fit-22 ta'



*L-Ewwel Kapitlu tal-Kolleġġjata*

Jannar 1890 ressaq proposta lil Vatikan fejn spjega li ma hemmx bżonn li l-Grotta ta' San Pawl tibqa' tiġi servita minn 10 saċerdoti, iżda talab riforma biex jibqa' biss rettur, viċi rettur u sagristan. Dawn jirċievu l-pagament mill-Gvern u l-bqija tal-introjtu tal-Fondazzjoni Wignacourt jintuża għall-edukazzjoni fis-Seminarju u kawżi oħra piji. Il-Kardinal Rampolla deher li qabel ma' dan is-suġġeriment. Iżda billi b'dan il-ftehim kien se jiġi soppress il-Kulleġġ, saru protesti min-nies tar-Rabat u din il-proposta ma seħħitx.

Aktar tard wara li l-poplu Malti ingħata s-*self government* wieħed mid-deputati tas-7 distrett li jinkludi r-Rabat, Dr Giuseppe Degiorgio LL.D. fis-sena 1922, qajjem il-punt, li wara eżami tal-kotba tal-amministrazzjoni, irriżultalu b'mod ċar li l-Gvern kien qed jamministra ħażin il-beni tal-Grotta u jċaħħad lill-Kolleġġjali mill-bżonnijiet veri tagħhom. Għalhekk talab li l-beni tal-Fondazzjoni Wignacourt jibdew jiġu amministrati mhux mill-Gvern, iżda mill-kolleġġjali nfushom. Ħaġa li l-Gvern ma kienx lest li jaċċetta.

Is-sitwazzjoni fir-Rabat tbiddlet għalkollox fis-seklu għoxrin għax waqt li l-popolazzjoni kibret, in-numru ta' qassisin iservu fil-Parroċċa naqas sewwa u l-Parroċċa ma kinitx moqdija kif jixraq. L-Arċisqof Mauro Caruana fis-sena 1933 fehem sewwa din is-sitwazzjoni u ssuġġerixxa l-kompromess interessanti li semmejna. Ħasra li weħel minħabba l-oġġezzjoni tan-nomina.

Tul il-mixja tas-snin il-poplu Rabti baqa' jitħabat ma' kull Gvern Malti biex iċedi d-drittijiet tiegħu u jgħaqqad il-Grotta mal Parroċċa iżda ebda Gvern Malti ma kien lest li jċedi d-dritt tiegħu tan-nomina.

Kellha tkun il-fortuna ta' Gvern kolonjali, wara li l-Gvern tal-Perit Mintoff kien irriżenja, li wasalna għal soluzzjoni permanenti. Din seħħet bit-tħabrik tal-Imħallef Montanaro Gauci, li kien ħabib personali kemm tal-Gvernatur kif ukoll tal-Arċisqof Mikiel Gonzi, u li kien mgħejun minn kumitat ċkejken ta' Rabtin oħra. Fis-17 ta' April 1961, b'att notarili ta' kompromess storiku fl-atti tan-nutar tal-Gvern, il-Gvern kolonjali ċeda għalkollox kull dritt tiegħu fuq il-Grotta, fuq il-Knisja ta' San Publiju u dik ta' San Pawl il-Baħar kif ukoll il-Kulleġġ. Dan ma għamlux mingħajr kumpens iżda billi ħa darba għal dejjem kull propjetà ta' bini u raba li kellha l-Grotta. Propjetà kbira ħafna li tawha l-Kavallieri u li l-kolleġġjali komplew kabbruha. B'kumpens, il-Gvern ta biss ħlas annwali iżda mhux revedibbli ta' elf lira Maltin fis-sena. Somma li kien immissha iġġib magħha il-provediment li almenu kull numru ta' snin din is-somma tiġi riveduta skont l-għoli tal-ħajja.

Wara dan il-pass legali kien imiss issa li s-Sante Sede tgħaqqad formalment il-Grotta mal-Parroċċa, u dik li kienet Kolleġġjata Ġerosolimitana tiġi elevata għad-dinjità ta' Kolleġġjata skont il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku tal-Knisja u tingħaqad ukoll mal-Parroċċa. Dan sar bil-Bolla *Apostolicae Sedis* tal-Papa Ġwanni XXIII li ġġib id-data tal-24 ta' Novembru 1962.

B'kollox fi żmien l-Ordni il-Gran Mastru laħaq ħatar 57 kolleġġjal, waqt li fil-perjodu Ingliż il-Gvernatur ħatar 68. Mis-sena 1964 'il quddiem sallum il-ħatriet kollha jsiru mill-Arċisqof.

Nagħlaq b'kumment ċkejken. Meta sar l-ewwel pussess tal-Kanonċi l-Ġodda laħaq kellna mill-ġdid Gvern Malti u fir-riċeviment li sar f'dik l-okkażjoni kien preżenti wkoll il-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier. Il-kumment tiegħu kien: "*Kontu xortikom tajba li dan l-arranġament sar fi żmien ta' tmexxija kolonjali. Kieku kellna Gvern Malti, ma kienx ikun faċli li dan iċedi d-dritt li l-Gvern kien fadallu li jinnomina l-membri ta' din il-Kolleġġjata.*"

**Referenzi:**

Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana, *Korrispondenza Dom Mauro Caruana OSB.*, vol.31, 1933, f. 17-17a

Arkivju tal-Grotta, *Miscellanea*, 1933